MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 10/2007

**Inatrade Limited (C-37645)**

**Vs**

**Printwell Limited (C-6563)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, tmien mija u lira Maltija u disa’ centemzi (Lm3801.09) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ prodotti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta’ konvenuta fuq ordnijiet taghha stess u li baqa’ ma thallasx, kif jirrizulta mill-prospett immarkat Dok A, u l-fattura mmarkata Dok B, oltre l-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-hlas effettiv bir-rata ta’ 8% fis-sena.

Nonostante li s-socjeta' konvenuta giet interpellata thallas diversi drabi,  baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-26 ta' Frar, 2007 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------